Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 18,390, 13 ta' Marzu, 2009
Taqsima B

A.L. 64 tal-2009

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti ta' l-2009 biex jemendaw l-Ordinamenti ta' l-2005 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad ta' l-2004 għall-Grad ta' Bachelor of Psychology (Honours) - B.Psy. (Hons) taħt il-patroċinju tal-Fakultà tà l-Edukazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikoli 74 (5) u 75 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà ta' l-Edukazzjoni bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikolu 81 (1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat ta' l-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81 (2) ta' dak l-Att:

It-Titolu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti ta' l-2009 biex jemendaw l-Ordinamenti ta' l-2005 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad ta' l-2004 għall-Grad ta' Bachelor of Psychology (Honours) - B.Psy. (Hons) - taħt il-patroċinju tal-Fakultà ta' l-Edukazzjoni, u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda ma' l-Ordinamenti ta' l-2005 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad ta' l-2004 għall-Grad ta' Bachelor of Psychology (Honours) - B.Psy. (Hons) - taħt il-patroċinju tal-Fakultà ta' l-Edukazzjoni, ippubblikati bħala Avviż Legali 22 ta' l-2005, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2008 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 4 ta' l-ordinamenti prinċipali

3. Minflok l-ordinament 4 ta' l-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Ir-Rekwiżiti Speċjali għad-Dħul fil-Kors

4. (1) Biex ikunu rreġistrati bħala studenti regolari fil-Kors, l-applikanti għandhom, minbarra li jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul kif speċifikati fir-Regolamenti għad-Dħul, ikunu għaddew mill-Bijoloġija bi Grad Ċ jew aħjar fil-Livell Intermedju tal-Matrikola, sakemm li dan ir-rekwiżit speċjali ma japplikax meta l-Psikoloġija tittieħed bħala qasam Prinċipali Ordinarju f'kors għal grad ieħor.

(2) Il-Bord tad-Dħul, li jaġixxi fuq il-parir tal-Bord ta' l-Istudji rilevanti, jista' jdaħħal applikanti li jkollhom il-grad ta' Bachelor miksub f'Kategorija II jew aħjar bil-Psikoloġija bħala l-qasam ta' studju prinċipali fit-tielet sena tal-Kors, skond ir-regolamenti 8.1 jew 8.1.1 tar-Regolamenti għad-Dħul ta' l-Università. Dawn l-istudenti jistgħu jkunu meħtiega jsegwu programm ta' studju modifikat li għalih ikunu assenjati 60 kredtu."